**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 101 – IT-TNEJN, 02 TA' APRIL 2018 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | | |
|---|---|---|
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 100**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 100**

2.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat ta' San Gwann Nursery qabel li jsir course tal-first aid fil-premises tagħhom. Dan ser issir b'kollaborazzjoni tal-Kunsill.

**3 Pagamenti Numru 88**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jithallas il-pagament tal-Once Upon a Time bl-ammont ta' 168 euro.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar it-taħrika li rcieva s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħallas l-ispejjeż legali kif ukoll kull multa.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar talba għal un/loading fi Triq San Franġisk. Kien hemm qbil li din it-talba ma tiġix aċċettata. Kien hemm qbil ukoll li tinġibed l-attenzjoni li din il-persuna li għamlet din it-talba għamlet modifikazzjoni fil-bankina mingħajr awtorizzazzjoni.

5.2 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni ta' ICT solutions għal xiri ta' Sage 50 kif ukoll transfer tal-accounts minn Pastel għal Sage.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar surveys tal-Cart Ruts ippreparati mill-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku għandu jitkellem mal-Perit dwar dawn is-surveys. Għandha ssir talba lil Lands Authority dwar dawn il-Cart Ruts.

5.4 Ġiet innutata ringrazzjament mingħand is-Sur Emerson Farrugia.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li twaħħal wieħed mill-arbli fit-Triq ta' Wied Għomor. Għandu jitwaħħal ieħor fi żmien qasir.

6.2 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet dwar l-outside furniture li għandu jitwaħħal fil-picnic area. Dawn ġew ordnati u għandhom jitwaħħlu fi żmien qasir. Ilmentat ukoll dwar il-fuljett, il-Ħuġġieġa. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mas-Sur Tony C Cutajar bie jiġi diskuss l-aħjar mod kif naħdmu fuq dan il-magazine.

6.3 Is-Sur Trevor Fenech tkellem dwar Mertu San Ġwann u meta ser issir id-deċiżjoni ta' min ser ikun magħżul. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jagħmel due diligence u d-deċiżjoni għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss. Is-Sinjura Marica Bayliss qalet li jekk jiġi magħżul Emil, għandu jintgħażel ukoll Marc, li hu ħuh u li jaħdmu flimkien. Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill li Marc ma jaħdimx fuq il-parti artistika imma biss fuq marketing u promotion.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 16 ta' April 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**